

Brussell, 4 ta' Diċembru 2025  
(OR. en)

16464/25

EMPL 544  
SOC 830  
SAN 812  
ANTIDISCRIM 126  
GENDER 211  
TELECOM 460  
CYBER 369  
DIGIT 264  
EDUC 490  
MI 1019  
COMPET 1307

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	4 ta' Diċembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 944 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Pjan Direzzjonali għall-Impjegi ta' Kwalità

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 944 final.

---

Mehmuż: COM(2025) 944 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 4.12.2025  
COM(2025) 944 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,  
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-  
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Pjan Direzzjonali għall-Impjiegi ta' Kwalità**

## 1. **BINI TAL-KOMPETITTIVITÀ TAL-EWROPA PERMEZZ TA' IMPJIEGI TA' KWALITÀ**

It-taqlib ġeopolitiku u ġeoekonomiku, il-kompetizzjoni globali, id-dipendenzi kummerċjali u t-trasformazzjoni tal-bażi industrijali Ewropea tal-lum qegħdin ikunu ta' piż fuq it-tkabbir u fuq l-istabbiltà. Hekk kif il-kumpaniji qegħdin ibatu biex jibqgħu kompetittivi, il-ħaddiema qed iħossu li l-impatt tal-kriżijiet globali, tal-kost tal-ġhajxien oġhla u tal-bdil rapidu li qed jaffettwawhom ħajjithom kif ukoll il-karrieri tagħhom.

Għal għexieren ta' snin, l-ekonomija tas-suq soċjali unika tal-UE kisbet riżultati tajbin fl-opportunitajiet tan-negozju u fil-protezzjoni tal-ħaddiema. Din uriet reżiljenza f'xokkijiet kbar - b'mod partikolari l-pandemija tal-COVID-19, il-kriżi tal-enerġija, l-inflazzjoni u ż-żieda fl-ġholi tal-ħajja - filwaqt li pproteġiet miljuni ta' negozji, persuni u impjiegi, u llum ir-rati tal-impjiegi huma l-oġhla li qatt kienu. L-UE trid tagħmel dak li hemm bżonn biex tiżgura li tibqa' l-aħjar post fejn persuna tgħix, taħdem, tinvesti u tagħmel in-negozju.

Il-bidliet strutturali jirrikjedu soluzzjonijiet strutturali għal tkabbir kompetittiv u ġust. L-impjiegi ta' kwalità huma ċentrali biex jinkiseb dan. Kif enfasizzat fir-rapport Draghi dwar il-kompetittività Ewropea <sup>(1)</sup> il-produttività oġhla tmur id f'id ma' kwalità mtejbja tal-impjiegi u ma' żieda fil-parteciġazzjoni fis-suq tax-xoġhol. L-aċċess għal impjiegi ta' kwalità jsaħħaħ ukoll il-koeżjoni territorjali, ekonomika u soċjali, u jippermetti lill-individwi jgawdu minn “dritt li jibqgħu” u jirnexxu fil-komunitajiet lokali tagħhom u jappoġġa l-parteciġazzjoni ekonomika fit-tul fir-reġjuni kollha.

**Il-Pjan Direzzjonali għal Impjiegi ta' Kwalità** (“il-Pjan Direzzjonali”) huwa impenn imġedded għat-trawwim ta' impjiegi ta' kwalità f'ekonomija kompetittiva. Dan jiddeskrivi inizjattivi biex il-politika dwar l-impjiegi tiġi allinjata mal-ħtiġijiet ta' ekonomija li qiegħda tevolvi malajr filwaqt li tibqa' bbażata fuq il-prinċipji tal-ekonomija soċjali tas-suq Ewropew, il-progress soċjali u l-impjeg sħiħ. It-trade unions u l-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi jaqdu rwol ċentrali f'dan l-isforz. Kif affermat mill-ġdid fil-Patt għad-Djalogu Soċjali Ewropew <sup>(2)</sup>, iffirmit fil-5 ta' Marzu 2025, il-Kummissjoni tibqa' impenjata li ssaħħaħ id-djalogu soċjali fil-livelli kollha.

### **Involvement tas-Sieħeb Soċjali Ewropew fit-tħejjija tal-Pjan Direzzjonali għal Impjiegi ta' Kwalità**

*Bejn April u Ġunju 2025, il-Kummissjoni impenjat ruħha fi proċess ta' konsultazzjoni mingħajr preċedent mas-sħab soċjali, kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali. B'kollox, il-konsultazzjoni mmobilizzat lil madwar 200 organizzazzjoni fl-UE kollha, iġġenerat aktar minn 100 kontribut bil-miktub u involviet aktar minn 50 diskussjoni fl-Ewropa kollha.<sup>(3)</sup>*

*Fil-livell tal-UE, it-88 sieħeb soċjali Ewropew rikonoxxuti kollha ġew ikkonsultati permezz ta' laqgħat maħsuba apposta, il-Kumitat tad-Djalogu Soċjali transindustrijali u l-44 Kumitat tad-Djalogu Soċjali Settoralji tal-UE, li rriżultaw fi 11-il kontribut konġunt u 32 unilaterali.*

<sup>(1)</sup> Draghi M. [The future of European competitiveness](#), Settembru 2024

<sup>(2)</sup> Il-Kummissjoni Ewropea u s-sħab soċjali transindustrijali Ewropew, [Pact for European Social Dialogue](#), 5 ta' Marzu 2025.

<sup>(3)</sup> [EMPL - Library](#) għar-repożitorju bil-kontributi.

**Ma hemm l-ebda approċċ wieħed tajjeb għal kulħadd għall-kwalità tal-impjiegi.** Il-kumplessità tal-isfida hija riflessa fl-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO, Employment Committee) ta' Ġunju 2025<sup>(4)</sup> li tkopri bosta dimensjonijiet tal-kwalità tal-impjiegi, inklużi l-qligħ, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-kopertura tan-negozjar kollettiv, it-titjib u t-tiġdid tat-taħriġ.

Il-Pjan Direzzjonali jiffoka fuq l-oqsma fejn l-azzjoni tal-UE hija l-aktar meħtieġa: il-ħolqien u ż-żamma ta' impjiegi ta' kwalità fl-UE, il-modernizzazzjoni u l-ġustizzja fid-dinja tax-xogħol. Dan jistinka biex jappoġġa żieda reżiljenti fil-produttività billi jrawwem impjiegi ta' kwalità li jattiraw u jżommu t-talent tal-ġenerazzjonijiet kollha, b'mod partikolari fil-kuntest tat-tranżizzjonijiet klimatiċi, teknoloġiċi u demografiċi. Fid-dawl tad-dimensjoni importanti tiegħu għall-avvanz tal-impjiegi ta' kwalità, l-appoġġ lill-ħaddiema permezz tat-tranżizzjonijiet u s-salvagwardja tal-produttività reżiljenti tal-Ewropa, il-Pjan Direzzjonali se jappoġġa l-Boxxla għall-Kompetittività, li taġixxi bħala faċilitatur għall-kompetittività tal-Ewropa.

Il-Pjan Direzzjonali jenfasizza wkoll fatturi abilitanti ewlenin f'ambjent favorevoli għan-negozju bħall-infurzar tad-drittijiet soċjali eżistenti, tas-servizzi ta' kwalità fir-reġjuni kollha, tal-finanzjament adegwat u tad-djalogu soċjali u negozjar kollettiv imsaħħa.

## **2. ĦOLQIEN U ŻAMMA TA' IMPJIEGI TA' KWALITÀ FL-UE**

Fost l-industriji, il-kumpaniji qegħdin jiffaċċjaw trasformazzjonijiet aċċellerati, aggravati minn xenarju globali frammentat u minn politiki kummerċjali imprevedibbli li jheddu l-ktajjen tal-valur. Bażi industrijali soda u innovattiva – appoġġata minn forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati u adattabbli u impenn għax-xiri Ewropew – hija kruċjali biex negozju jibqa' kompetittiv u sovrani globalment.

**Il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità jirrikjedi ambjent fejn in-negozji, inklużi dawk li jaħdmu għal rashom, kumpaniji start-up u ditti żgħar jistgħu jinnovaw, jikbru, jattiraw l-investiment u t-talent.** Biex jibqgħu kompetittivi filwaqt li jżommu standards għoljin tax-xogħol, in-negozji jeħtieġu qafas regolatorju li jkun ċar, proporzjonat u favorevoli għall-innovazzjoni. Dan jinkludi t-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi, it-titjib tal-aċċess għall-informazzjoni u l-għodod ta' appoġġ, filwaqt li jiġu żgurati standards soċjali u tal-impjiegi għoljin. Is-sħab soċjali jaqdu wkoll rwol ewlieni fl-identifikazzjoni ta' soluzzjonijiet prattiċi li jwieġbu għall-ħtiġijiet tal-kumpaniji fl-Ewropa kollha.

F'dan l-ispirtu, il-Kummissjoni pproponiet li tissimplifika r-regoli tal-UE u li tnaqqas il-piżijiet amministrattivi, u qiegħda tesplora appoġġ aħjar għall-mikrointrapriżi fl-infurzar

---

<sup>(4)</sup> Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, nota mill-Kumitat tal-Impjiegi, [Opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi dwar id-dimensjonijiet tal-kwalità tal-impjiegi](#).

tad-dritt tal-Unjoni. Qiegħda tipproponi wkoll azzjoni biex tgħin lill-kumpaniji start-up u scale-up jaċċessaw it-talent u joħolqu impjiegi ta' kwalità <sup>(5)</sup>.

### *Industrija tal-futur*

**Il-Patt għal Industrija Nadifa għandu l-għan li jittrasforma d-dekarbonizzazzjoni u ċ-ċirkolarità fi xprunatur tat-tkabbir għall-industriji Ewropej, inklużi l-SMEs.** F'dan il-kuntest, id-Djalogi Strateġiċi tal-UE mal-industriji tal-azzar, tal-metall, tas-sustanzi kimiċi u tal-karozzi, ipprovdew kontribut essenzjali billi identifikaw sfidi strutturali, inklużi l-kapaċità żejda globali, il-prattiki kummerċjali iġusti u l-kostijiet għoljin tal-enerġija.

**L-UE qiegħda taħdem ukoll fuq miżuri biex issaħħaħ il-kapaċitajiet strateġiċi tal-UE,** inkluż pakkett “Battery Booster”, Att għall-Aċċellerazzjoni Industrijali, bl-ewwel kriterju ta' akkwist pubbliku “magħmul fl-Ewropa” u Pakkett dwar il-Grilji. Barra minn hekk, l-inizjattiva “Agħżel l-Ewropa” għandha l-għan li tattira l-aqwa xjenzati u innovaturi lejn l-UE.

### *Persuni b'ħiliet speċjalizzati biex jixprunaw it-tranżizzjonijiet tal-impjiegi*

**Il-ħiliet speċjalizzati u l-impjiegi ta' kwalità huma xprunaturi ewlenin tat-tkabbir tal-UE.** Il-proposta adottata dan l-aħħar għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Kapital Uman <sup>(6)</sup> bħala parti mill-Pakkett tal-Ħarifa tas-Semestru Ewropew tenfasizza b'mod espliċitu r-rwol kruċjali tal-kapital uman u tal-edukazzjoni u l-ħiliet orjentati lejn il-futur fit-titjib tal-kompetittività u tal-awtonomija strateġika tal-Unjoni, fit-tisħiħ tal-preparatezza u fl-appoġġ tal-prosperità sostenibbli. Din tistieden lill-Istati Membri biex 1) ireġġgħu lura x-xejriet negattivi fil-ħiliet bażiċi, 2) jagħtu prijorità lill-ingerinija tat-teknoloġija tax-xjenza u lill-matematika fil-livelli kollha tal-edukazzjoni, u 3) jinvestu fid-data biex jibnu intelliġenza aħjar dwar il-ħtiġijiet tas-suq tax-xoġhol. F'dan il-kuntest, huwa essenzjali li jiġi sfruttat il-potenzjal ta' aktar minn 50 miljun persuna fl-UE li għadhom barra mill-forza tax-xoġhol – li l-maġġoranza tagħhom huma nisa. Il-fatt li din ir-riżerva ta' talenti tiġi sfruttata bis-sħiħ jgħin lill-UE żżomm il-kompetittività tagħha. L-Unjoni tal-ħiliet tagħmel enfasi qawwija fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, b'mod partikolari fl-oqsma STEM (Xjenza, Teknoloġija, Inġinerija u Matematika), u għandha l-għan li sal-2030 iġġib miljun studenta fil-programmi STEM. L-appoġġ lill-anzjani biex jaġġornaw il-ħiliet tagħhom, jibqgħu fis-suq tax-xoġhol jew jgħaddu l-esperjenza tagħhom jista' jaqleb il-bidla demografika f'sors ta' koeżjoni soċjali u prosperità kondiviża.

Il-Garanzija tal-ħiliet se tgħin lill-ħaddiema, f'setturi li qegħdin jiġu ristrutturati jew f'riskju jibqgħu f'impjeg, billi tappoġġahom għal tranżizzjoni f'oqsma strateġiċi ta' tkabbir. Din l-inizjattiva hija eliġibbli biex tirċievi appoġġ permezz tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività (FEK) u tiġi ppilotata taħt il-fergħa tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI, Employment and Social Innovation) tal-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+).

---

<sup>(5)</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, [EU Startup and Scaleup Strategy](#), 28 ta' Ottubru 2025

<sup>(6)</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, [Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Kapital Uman fl-UE](#), 25 ta' Novembru 2025.

Se jkun hemm hteiega dejjem akbar għal forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati f'attivitajiet ekonomiċi relatati mad-disinn sostenibbli tal-prodott, l-użu mill-ġdid, il-manifattura mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-materjali, kif ukoll fit-teknoloġija nadifa u l-bijoekonomija. L-Akkademja tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida se taċċellera t-titjib u t-tiġdid tal-ħiliet fl-ekosistema tal-konstruzzjoni, filwaqt li se tagħti lill-professjonisti l-ħiliet meħtieġa għal ambjent newtrali għall-karbonju, ċirkolari u mibni b'mod sabiħ.

**Huwa kruċjali wkoll li tiġi żgurata aktar aġilità fis-suq tax-xogħol permezz ta' rikonossiment aktar faċli tal-ħiliet bejn il-fruntieri.** Il-Kummissjoni se tipproponi Inizjattiva dwar il-Portabbiltà tal-Ħiliet biex tissimplifika u tiffaċilita r-rikonossiment tal-ħiliet u l-kwalifiki, inkluż permezz ta' diġitalizzazzjoni msaħħa, anke għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. L-UE se tistabbilixxi Riżerva ta' Talenti u se ttejjeb is-Sħubijiet għat-Talenti biex tattira ċittadini ta' pajjiżi terzi b'ħiliet speċjalizzati f'okkupazzjonijiet nieqsa mill-ħaddiema. L-Istrateġija tal-Politika dwar il-Viża tal-UE li ġejja se tinkludi miżuri biex tiffaċilita l-wasla tal-aqwa studenti, riċerkaturi u ħaddiema tas-sengħa. Il-ħiliet diġitali, inklużi l-ħiliet diġitali avvanzati, huma essenzjali għall-kompetittività tal-Ewropa u għall-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità. L-UE għadha qiegħda tiffaċċja nuqqas sinifikanti ta' speċjalisti fil-qasam tal-ICT, b'differenza persistenti bejn il-ġeneri. Biex tindirizza dan, il-Kummissjoni investiet EUR 400 miljun permezz tal-Programm Ewropa Diġitali biex tespandi l-programmi speċjalizzati ta' edukazzjoni għolja, it-taħriġ għal żmien qasir u l-Akkademji tal-Ħiliet Diġitali. Barra minn hekk, fil-perjodu 2021–2027, il-ħiliet diġitali huma appoġġati minn Erasmus+ b'investment totali li jista' jaqbeż EUR 6 biljun u EUR 1,2 biljun fl-ambitu tal-FSE+. Fl-ambitu tan-NextGenerationEU, il-ħiliet diġitali huma appoġġati b'madwar EUR 28 biljun.

*Qafas ta' ristrutturar u impenn kollettiv għal fiduċja u opportunitajiet*

**Id-deċiżjonijiet ta' ristrutturar f'waqthom flimkien mal-miżuri ta' antiċipazzjoni u mitiġazzjoni** jippermettu lill-kumpaniji jibqgħu vijabbli fi swieq li qegħdin jevolvu.

Hija meħtieġa applikazzjoni aħjar tal-Qafas tal-Kwalità tal-UE għall-Antiċipazzjoni tal-Bidla u r-Ristrutturar. Fl-ambitu tal-Patt għal Industrija Nadifa, il-Kummissjoni ntrabtet li tiddiskuti mas-sħab soċjali qafas għal tranżizzjonijiet ġusti, l-antiċipazzjoni tal-bidla, l-intervent aktar rapidu u l-implimentazzjoni tal-qafas ta' informazzjoni u konsultazzjoni.

Il-Kummissjoni se twettaq studju dwar il-prattiki ta' ristrutturar korporattiv biex tivvaluta jekk u sa liema punt ir-regoli applikabbli jippermettux lill-kumpaniji start-up, il-kumpaniji scale-up u l-kumpaniji innovattivi jadattaw u jinnowaw.

**L-involvement sod tal-ħaddiema fil-livell tal-kumpaniji huwa t-trademark tad-demokrazija Ewropea fil-prattika.** Dan huwa essenzjali għall-ġestjoni tat-tibdil u għall-antiċipazzjoni tat-tibdil li jkunu ġusti. Hija meħtieġa implimentazzjoni effettiva tal-qafas legali tal-UE <sup>(7)</sup> fl-Istati Membri kollha. Biex tivvaluta l-effettività tagħhom fl-appoġġ lill-

---

(7) [Id-Direttiva 2002/14/KE](#) tal-11 ta' Marzu 2002 li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati fil-Komunità Ewropea; [Id-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE](#) tal-20 ta' Lulju 1998 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar redundancies kollettivi; [Id-](#)

ħaddiema u lin-negozji permezz tat-tranżizzjonijiet, il-Kummissjoni qiegħda tiġbor evidenza dwar l-implimentazzjoni tad-direttivi dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni, is-sensji kollettivi u t-trasferimenti tal-impriżi.

Barra minn hekk, il-Kunsill approva messaġġi ewlenin dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2022 dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika <sup>(8)</sup>. L-Osservatorju Ewropew għal Tranżizzjoni Ekwa ġdid, li se jsir operazzjonali fil-bidu tal-2026, se jsaħħaħ il-bażi tal-evidenza u se jiżgura djalogu attiv mal-partijiet ikkonċernati ewlenin dwar l-aspetti ta' tranżizzjoni ġusta.

#### *Riformi u investment li jwasslu għal impjiegi ta' kwalità*

Ir-riformi u l-investment għall-promozzjoni ta' impjiegi ta' kwalità jirrikjedu sforzi kkombinati mill-UE u mill-Istati Membri. Abbażi tal-opinjoni tal-EMCO ta' Ġunju 2025 dwar id-dimensjonijiet tal-kwalità tal-impjiegi, il-Kummissjoni ħadmet mal-kumitati konsultattivi tal-Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur (EPSCO, Employment, Social Policy, Health and Consumer Affairs) fuq qafas ta' monitoraġġ aġġornat li jinkludi l-indikaturi għal kull dimensjoni tal-kwalità tal-impjiegi li ġiet implimentata miċ-ċiklu tas-semestru 2025-2026 li għaddej bħalissa. Dan il-qafas ta' monitoraġġ jista' jappoġġa l-iżvilupp ta' mira ewlenija biex jiġi segwit il-progress fit-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fl-UE kollha.

**Billi l-awtoritajiet pubbliċi jonfqu madwar 15 % tal-PDG tal-UE, l-akkwist pubbliku jista' jkun għodda b'saħħitha biex jappoġġa impjiegi ta' kwalità u biex jagħti spinta lit-tkabbir sostenibbli**, filwaqt li jmxexxi 'l quddiem l-oġġettivi strateġiċi tal-politika tal-UE. Id-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku tal-2014 jinkludu l-obbligu li tiġi żgurata l-konformità mad-dritt soċjali, tax-xogħol u ambjentali fit-twettiq tal-kuntratti pubbliċi permezz ta' klawżola ġenerali. L-awtoritajiet kontraenti jistgħu jeskludu operatur ekonomiku milli jipparteċipa fi proċedura ta' akkwist pubbliku meta l-awtorità kontraenti tista' turi li l-operatur ekonomiku jkun kiser l-obbligi ambjentali, soċjali jew tax-xogħol applikabbli.

Barra minn hekk, id-Direttivi joffru għodod mhux vinkolanti biex jappoġġaw l-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli, bħal kuntratti riżervati (eż. għall-impriżi soċjali għall-integrazzjoni fix-xogħol) jew l-ġħoti ta' punti bħala parti mill-aħjar proporzjon bejn il-prezz u l-kwalità biex jiġu ssodisfati l-kriterji soċjali.

Madankollu, il-prezz biss jibqa' kriterju ta' ġħoti mifrux fl-UE. Bħala parti mir-reviżjoni tad-direttivi tal-UE dwar l-akkwist imħabbra għall-2026, il-Kummissjoni se tesplora kif tippromwovi aħjar l-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli, inkluż l-użu usa' tal-Aħjar Proporzjon bejn il-Prezz u l-Kwalità u tan-negozjar kollettiv.

**Ir-regoli dwar l-għajjuna mill-Istat jistgħu jipprovdu inċentivi aħjar għall-industrija biex toħloq impjiegi dejjiema u ta' kwalità u tinvesti fil-ħiliet.** Bħala parti mir-reviżjoni

---

[Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE](#) tat-12 ta' Marzu 2001 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji; Id-Direttiva 2009/38/KE, emendata bid-Direttiva 2025/[qiegħda tistenna li tiġi ppubblikata] dwar il-Kunsill Ewropew tax-Xogħol.

<sup>(8)</sup> [Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2022/C 243/04](#) tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika.

li għaddejja tar-Regolament Ġenerali ta' Eżenzjoni ta' Kategorija, il-Kummissjoni se tivvaluta jekk u kif dan għandu jiġi aġġornat, b'mod partikolari fir-rigward tar-regoli dwar l-għajjnuna għall-impriżi soċjali, it-taħriġ u l-impjiegi u r-reklutaġġ ta' ħaddiema żvantaġġati. Il-Kummissjoni se tiżviluppa gwida ddedikata biex tgħin lill-Istati Membri fit-tfassil ta' miżuri ta' għajjnuna mill-Istat għall-appoġġ soċjali u l-investment soċjali u għandha l-għan li tnaqqas b'mod sinifikanti l-piż amministrattiv kemm għall-impriżi kif ukoll għall-Istati Membri.

**Il-kumpaniji, speċjalment l-SMEs, il-kumpaniji start-up u scale-up, jeħtieġu ambjent favorevoli għall-innovazzjoni li jippermettilhom jikbru u jattiraw l-investment.** Biex ikompli jiġu mminimizzati l-piżijiet amministrattivi, verifika ġdida tal-SMEs u tal-kompetittività saret filtru aktar sod għal inizzjattivi ġodda tal-Kummissjoni. Il-verifika tinkludi valutazzjoni tal-effetti mistennija fuq id-differenzjali tal-kostijiet meta mqabbla mal-kompetituri internazzjonali.

**Ir-riformi tat-taxxa u tal-pensjonijiet jistgħu jikkontribwixxu sostanzjalment biex ikompli jtejbu l-parteciġazzjoni fis-suq tax-xogħol u jsaħħu l-protezzjoni soċjali.** Pereżempju, il-pensjonijiet supplimentari jistgħu jtejbu l-iffrankar tal-irtirar għall-ħaddiema, b'mod partikolari dawk mobbli u dawk f'forom ta' xogħol mhux standard. L-Istrateġija tal-UE għall-Kumpaniji Start-up u Scale-up tfittex li ttejjeb it-trattament tal-opzjonijiet fuq l-istokkijiet tal-impjegati, tgħin lill-kumpaniji start-up jattiraw u jżommu l-aqwa talent u trawwem impjiegi ta' kwalità għolja. Fl-istess ħin, l-eliminazzjoni tal-ostakli tat-taxxa għall-impjegati transfruntiera remoti hija importanti biex jitrawwem it-tkabbir tal-kumpaniji start-up u scale-up, b'ħidma fuq rakkomandazzjoni li għadha għaddejja għal dak il-għan.

*Iffaċilitar tat-tranżizzjonijiet f'ekonomija globali li qiegħda tinbidel*

L-istrument Ewropew għall-Appoġġ temporanju biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE, Support to mitigate Unemployment Risks in an Emergency) – immobilizza mezzi finanzjarji sinifikanti biex jiġu protetti l-impjiegi u l-kumpaniji matul iċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-pandemija tal-COVID-19. Fl-2020, dan appoġġa lil madwar 32 miljun persuna u lil aktar minn 2,5 miljun ditta, permezz ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u b'miżuri simili, b'mod partikolari għall-SMEs fis-setturi l-aktar affettwati. Dan iippermetta wkoll lill-Istati Membri jindirizzaw żidiet f'daqqa fin-nefqa relatata mal-impjiegi għall-preżervazzjoni tal-impjiegi b'iffrankar tal-imgħax stmat għal EUR 9 biljun.

Fl-ambitu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2028-2034 li jmiss, il-Kummissjoni pproponiet l-introduzzjoni ta' **mekkaniżmu straordinarju u temporanju** ġdid biex iwieġeb għall-konsegwenzi ta' kriżijiet severi, tbatija jew theddid serju tagħhom li jaffettwaw lill-Unjoni jew lill-Istati Membri tagħha. Deċiżjoni dwar l-attivazzjoni ta' dan il-mekkaniżmu se tiġi deċiża mill-Kunsill tal-UE wara li jinkiseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew. Jekk jiġi attivat, dan se jipprovdi self iffinanzjat mis-self tal-UE u appoġġat minn garanzija annwali mill-baġit tal-UE sa 0,25 % tal-ING (Introjtu Nazzjonali Gross) tal-UE.

Strateġija ta' tkabbir sostenibbli tirrikjedi l-mobilizzazzjoni tal-kapital pubbliku u privat f'investimenti produttivi, għall-benefiċċju taċ-ċittadini, tal-kumpaniji u ta' ekonomija

reżiljenti. Din tinvolve pereżempju żieda fl-użu ta' pensjonijiet supplementari biex jiġi żgurat introjtu adegwat wara l-irtirar. Dan jista' jappoġġa t-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività tal-UE, billi jimmobilizza u jidderieġi l-kapital fit-tul fl-ekonomija.

### 3. MODERNIZZAZZJONI: PROMOZZJONI TA' IMPJIEGI TA' KWALITÀ FILWAQT LI TINGĦATA SPINTA LILL-INNOVAZZJONI DIĠITALI

Id-diġitalizzazzjoni hija kruċjali għall-innovazzjoni u għall-kompetittività tal-UE. Din tista' tagħti spinta lill-produttività tax-xogħol, ittejjeb is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, u tgħin biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema. Il-biċċa l-kbira tal-Ewropej iqisu t-teknoloġiji diġitali, inkluż l-IA, b'mod pożittiv għall-impjiegi u l-kwalità tal-ħajja tagħhom, inkluż il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata. Kif irrapportat fl-Istrateġija għall-Applikazzjoni tal-IA <sup>(9)</sup>, il-maġġoranza tal-ħaddiema Ewropej (67 %) jemmnu li l-Intelliġenza Artifiċjali tgħinhom iwettqu l-kompiti tagħhom aktar malajr. Madankollu, 84 % jitolbu ġestjoni bir-reqqa biex tiġi protetta l-privatezza u tiġi żgurata t-trasparenza, filwaqt li 77 % jenfasiszaw fuq il-ħtieġa għall-involviment tal-ħaddiema u r-rappreżentattività fit-tfassil u fl-użu tat-teknoloġiji tal-post tax-xogħol <sup>(10)</sup>.

#### *Użu responsabbli tal-ġestjoni algoritmika*

Il-ġestjoni algoritmika (AM, **Algorithmic management**) normalment tinftiehem bħala l-użu ta' sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u sistemi awtomatizzati ta' teħid ta' deċiżjonijiet li jaħdmu bl-algoritmi li jissostitwixxu l-funzjonijiet li normalment jitwettqu mill-manigera, bħall-allokazzjoni tal-kompiti, l-ipprezzar tal-assenjamenti individwali, id-determinazzjoni tal-iskedi tax-xogħol, l-għoti ta' struzzjonijiet, l-evalwazzjoni tax-xogħol imwettaq, l-għoti ta' inċentivi jew l-applikazzjoni ta' trattament negattiv.

L-IA u l-AM jistgħu jtejjbu l-effiċjenza u l-kwalità tal-impjiegi, filwaqt li jippermettu lill-ħaddiema jiffokaw fuq kompiti ta' valur ogħla, u jtejjbu s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol. Fl-istess ħin, il-protezzjoni effettiva mid-diskriminazzjoni, mill-ksur tad-data jew mir-riskji eċċessivi ta' sorveljanza u psikosoċjali hija essenzjali biex jiġi żgurat użu affidabbli u mifruq tal-IA fid-dinja tax-xogħol.

L-Att dwar l-IA <sup>(11)</sup> u r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR, General Data Protection Regulation) <sup>(12)</sup> jipprovdu qafas komprensiv għar-regolamentazzjoni tat-teknoloġiji diġitali fuq il-post tax-xogħol. Filwaqt li mhux is-sistemi tal-AM kollha huma bbażati fuq l-IA, l-Att dwar l-IA jikklassifika bħala ta' "riskju għoli" is-sistemi tal-IA użati fil-kuntest tar-reklutaġġ jew tal-ġhażla ta' persuni fiżiċi, inklużi s-

---

<sup>(9)</sup> [Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill COM/2025/723 final](#), Strateġija għall-Applikazzjoni tal-IA, it-8 ta' Ottubru 2025.

<sup>(10)</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, [Special Eurobarometer SP554: Artificial Intelligence and the future of work](#).

<sup>(11)</sup> [Ir-Regolament \(UE\) 2024/1689](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali.

<sup>(12)</sup> [Ir-Regolament \(UE\) 2016/679](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data).

sistemi tal-IA li jieħdu deċiżjonijiet li jaffettwaw it-termini tar-relazzjonijiet relatati max-xogħol, l-allokkazzjoni tal-kompiti u l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni.

Id-Direttiva dwar Xogħol fuq il-Pjattaformi ttejjeb it-trasparenza, il-ġustizzja, is-sorveljanza mill-bniedem, is-sikurezza u l-informazzjoni u l-konsultazzjoni fix-xogħol fuq il-pjattaformi; din iġġib ukoll ċarezza legali għall-pjattaformi tax-xogħol diġitali li jorganizzaw ix-xogħol fl-UE kollha.

Ir-regoli tal-UE dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema <sup>(13)</sup> jirrikjedu l-involvement tar-rappreżentanti tal-ħaddiema dwar deċiżjonijiet li x'aktarx iwasslu għal bidliet sostanzjali fl-organizzazzjoni tax-xogħol, inkluż il-varar ta' sistemi tal-AM.

**It-triq 'il quddiem trid tkun iggwidata minn żewġ għanijiet ta' tisħiħ reċiproku:** li tiġi appoġġata u permessa l-adozzjoni ta' għodod tal-IA fuq il-post tax-xogħol u li jiġu protetti l-ħaddiema kontra riskji potenzjali li jirriżultaw mill-użu tal-AM. L-Att dwar l-IA u l-GDPR jipprovdu oqfsa orizzontali essenzjali u rilevanti, li jridu jiġu implimentati u infurzati. Iż-żewġ atti ma jipprekludux lill-Istati Membri jew lill-Unjoni milli jżommu jew jintroduċu regoli aktar favorevoli jew speċifiċi dwar l-użu ta' tali sistemi għall-protezzjoni aħjar tal-ħaddiema. F'għadd ta' Stati Membri u setturi, is-sħab soċjali adottaw u applikaw regoli speċifiċi fi ftehimiet kollettivi.

Kwalunkwe azzjoni tal-UE tkun tiffoka fuq l-implimentazzjoni u fuq l-infurzar effettivi tal-protezzjonijiet eżistenti tal-UE għall-ħaddiema fl-Istati Membri kollha, fuq l-għoti ta' aktar ċarezza dwar dawk il-protezzjonijiet u, meta meħtieġ, tikkunsidra miżuri komplementari mmirati mhux koperti mir-regoli attwali. Dan ikun jeħtieġ li jiġu ggarantiti valur miżjud ċar, konsistenza mal-qafas legali, filwaqt li jiġu evitati d-duplikazzjonijiet u jiġu promossi kundizzjonijiet ekwi fl-UE kollha. Kunsiderazzjoni oħra tkun is-simplifikazzjoni, fir-rigward tal-piż amministrattiv fuq il-ħaddiema u l-kumpaniji.

*Adattament tal-mod li bih naħdmu għar-realtà diġitali - Dritt għall-iskonnessjoni u t-telexogħol*

**L-għodod diġitali fuq il-post tax-xogħol joffru flessibilità u jikkontribwixxu għas-sodisfazzjon tal-impjegati iżda** jistgħu wkoll irawmu kultura ta' "disponibilità kontinwa", fejn il-ħaddiema jkunu mħeġġa jew iħossuhom taħt pressjoni li jkunu disponibbli b'mod kostanti fi kwalunkwe ħin. B'mod ġenerali, l-intensifikazzjoni tax-xogħol u l-istress relatat max-xogħol jistgħu jaffettwaw il-benessri tal-ħaddiema, u fl-aħħar mill-aħħar inaqqsu l-produttività u jżidu l-infiq pubbliku <sup>(14)</sup>.

---

<sup>(13)</sup> [Id-Direttiva 2002/14/KE](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati fil-Komunità Ewropea.

<sup>(14)</sup> Fernandez Macias, E., Gonzalez Vazquez, I., Torrejon Perez, S. and Nurski, L., [Work in the Digital Era: How Technology is Transforming Work and Occupations](#), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2025.

**Fl-2024, wieħed minn kull ħames Ewropej kien qiegħed jaħdem mid-dar tal-anqas parzjalment.** Il-preferenzi għat-telexogħol qegħdin jiżdiedu wkoll, peress li stħarriġ tal-Eurofound tal-2024 wera li aktar minn 50 % tar-rispondenti jippreferu li jaħdmu mid-dar bosta drabi fil-gimġha, u 24 % jixtiequ jaħdmu esklużivament mid-dar. Madankollu, it-teleħaddiema spiss jiltaqgħu ma' nuqqas ta' ċarezza dwar ir-regoli applikabbli u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom filwaqt li jagħmlu telexogħol inkluż f'sitwazzjonijiet transfruntieri, fir-rigward tas-sigurtà soċjali u t-tassazzjoni. L-impjegaturi jsibuha iebesha wkoll li jimmaniġġaw timijiet imferrxa.

F'Jannar 2021, skont l-Artikolu 225 tat-TFUE, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar id-dritt għall-iskonnessjoni u għat-telexogħol, li fiha talab għal azzjoni leġislattiva tal-UE. Wara n-negozjati li ma rnexxewx mis-sħab soċjali transsettorjali Ewropej fl-2022-2023 dwar ftehim rivedut f'dawn l-oqsma, il-Kummissjoni wettqet konsultazzjoni formali f'żewġ stadji mas-sħab soċjali fl-2024-2025.

L-implimentazzjoni sħiħa mill-Istati Membri tad-Direttiva dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata se tiżgura kundizzjonijiet tax-xogħol li jiffaċilitaw ir-rikonċiljazzjoni tal-ħajja privata, tal-familja u tax-xogħol għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw.

**Sħab soċjali:** Il-gwida “Id-Dritt għall-Iskonnessjoni” żviluppata mill-UNI Europa tistabbilixxi l-aħjar prattiki bbażati fuq ir-regoli nazzjonali dwar l-iskonnessjoni.

Il-ftehim dwar id-diġitalizzazzjoni tal-2022 milħuq mis-sħab soċjali tal-amministrazzjonijiet tal-gvern ċentrali għandu l-għan li jiżgura li t-trasformazzjoni diġitali fis-settur pubbliku tkun inklużiva, iċċentrata fuq il-bniedem u ttrispetta d-drittijiet tal-ħaddiema.

#### 4. **ĠUSTI, SIKURI U UGWALI: IS-SINSLA TA' IMPJEGI REŻILJENTI FL-EWROPA**

L-istandards sodi tal-UE dwar is-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali u tax-xogħol jipproteġu lill-ħaddiema u lill-mobbiltà tal-forza tax-xogħol organizzata biex jibnu l-fiduċja, jimmobilizzaw it-talent, jippromwovu l-ugwaljanza u jipprevjenu d-diskriminazzjoni u l-abbużi. Iżda d-dinja tax-xogħol qiegħda tinbidel, u magħha l-persjonijiet fuq is-sistemi tagħna.

*Promozzjoni tas-saħħa fiżika u mentali fuq il-post tax-xogħol*

**Il-protezzjoni tal-ħaddiema kontra l-korrimenti, il-mard u l-imwiet hija ċentrali għall-kwalità tal-impjegi.** Minkejja l-progress, ta' kull sena fl-UE, aktar minn 170 000 persuna jmutu minħabba mard relatat max-xogħol, iġarrbu madwar 3 300 korriment fatali u aktar minn 220 000 aċċident serju mhux fatali jwasslu għal assenza ta' aktar minn 3 xhur jew għal inkapaċità permanenti għax-xogħol <sup>(15)</sup>. Il-protezzjoni ta' saħħa tajba tinkludi kemm aspetti fiżiċi kif ukoll mentali, u tinvolvi approċċ sensitiv għall-ġeneru.

(15) L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA, European Agency for Safety and Health at Work) (2023) Occupational safety and health in Europe: state and trends 2023, [Eurostat data](#), u [Eurostat data](#).

**Il-politiki sodi dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali (OSH, Occupational Safety and Health) huma imperattiv soċjali u ekonomiku.** Dawn inaqqsu l-assenteiżmu, jippermettu ħajjiet tax-xogħol itwal u jirriżultaw fi produttività ogħla <sup>(16)</sup>. Il-kost tas-soċjetà tal-korrimenti u tal-mard relatati max-xogħol jammonta għal madwar 3,3 % tal-PDG tal-UE, filwaqt li kull euro investit fil-prevenzjoni jrendi ritorn ta' aktar minn żewġ euro <sup>(17)</sup>.

**Huwa importanti li l-leġislazzjoni tal-UE dwar l-OSH tibqa' allinjata ma' realtajiet ġodda.** Sa nofs l-2026, il-Kummissjoni se tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-OSH u d-direttivi relatati. Id-Direttiva dwar il-Karċinoġeni, il-Mutaġeni jew is-Sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni għaddejja mis-sitt reviżjoni tagħha. F'konsultazzjoni mas-sħab soċjali, il-Kummissjoni se tirrieżamina wkoll id-Direttivi dwar il-Post tax-Xogħol u dwar ix-Xogħol b'Apparat ta' Wiri fuq Skrin <sup>(18)</sup> biex taġġorna l-protezzjonijiet tal-OSH f'postijiet tax-xogħol moderni – inkluż it-telexogħol – u l-għodod diġitali, u, b'mod partikolari, biex tindirizza aħjar ir-riskji psikosoċjali u ergonomiċi, u biex tikkunsidra r-riskji li jaffettwaw lill-ħaddiema b'diżabbiltà.

Mara minn kull tlieta fl-UE esperjenzat fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol, ċifra li tiżdied għal 41,6 % fost in-nisa ta' bejn 18 u 29 sena. Hemm inizjattivi għaddejjin bħall-għodda tal-Valutazzjoni tar-Riskju Interattiva Online tal-EU-OSHA dwar il-fastidju sesswali u l-vjolenza minn partijiet terzi. Is-sħab soċjali qegħdin jieħdu wkoll azzjoni importanti, inkluż l-aġġornament tal-2025 tal-Linji Gwida multisettorjali f'dan il-qasam.

**It-tisħiħ tas-sensibilizzazzjoni u tar-riċerka dwar ir-riskji relatati max-xogħol iwassal għal politiki aktar informati li jtejbu l-kwalità tal-impjiegi.** Fl-2023, l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) ippubblikat il-gwida "Heat at Work – Guidance for Workplaces" <sup>(19)</sup>. Fl-2026-2028, se twettaq kampanja fuq il-Postijiet tax-Xogħol li Jġibu 'l quddiem is-Saħħa dwar ir-riskji għas-saħħa mentali u psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol.

*Pagi adegwati għall-protezzjoni tal-ħaddiema, għall-iżvilupp tal-kapital uman u għat-tnaqqis tan-nuqqas ta' ħaddiema*

**Pagi adegwati huma ta' benefiċċju kemm għall-ħaddiema kif ukoll għan-negozji.** Dawn jappoġġaw il-ġustizzja soċjali u ekonomija produttiva u inklużiva. Dawn jgħinu biex jipproteġu l-kapaċità tal-akkwist tal-ħaddiema, inaqqsu l-inugwaljanza fil-pagi u l-faqar fost dawk li jaħdmu, jappoġġaw id-domanda domestika u jsaħħu l-inċentivi għax-xogħol. Id-Direttiva dwar pagi minimi adegwati fl-UE ħeġġet l-iffissar aktar ġust tal-pagi. Mill-adozzjoni tagħha, id-distakk bejn il-pagi minimi u medji naqas fl-Istati Membri kollha. B'mod importanti, id-Direttiva għenet ukoll biex jitnaqqas id-distakk bejn l-ogħla u l-

---

<sup>(16)</sup> EU-OSHA, [OHS tajba hija tajba għan-negozju](#)

<sup>(17)</sup> ISSA, Calculating the international return on prevention for companies: Costs and benefits of investments in occupational safety and health, [Rapport finali 2013](#).

<sup>(18)</sup> [Id-Direttiva 89/654/KEE](#) tat-30 ta' Novembru 1989 dwar il-ħtiġiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa fuq il-post tax-xogħol; [Id-Direttiva 90/270/KEE](#) tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà għax-xogħol b'taġħmir li għandu display screen.

<sup>(19)</sup> OSH-Wiki, [Heat at work – guidance for workplaces](#), l-1 ta' Ġunju 2023.

anqas pagi minimi bejn l-Istati Membri li jikkontribwixxu għal konverġenza akbar fil-pagi fl-Ewropa kollha.

Hemm **bżonn li tittiejeb is-sitwazzjoni** li qegħdin jiffaċċjaw iż-**żgħażaġh** fis-suq tax-

**Sħab soċjali:** Il-proġett SIDE-CIC, implimentat b'mod konġunt mis-sħab soċjali tal-UE fil-kostruzzjoni, jippromwovi l-użu ta' karti tal-identità soċjali biex tittiejeb it-trasparenza, jiġu mmonitorjati d-drittijiet u l-kwalifiki tal-ħaddiema, u jiġu esplorati modi biex dawn l-għodod jiġu konnessi aħjar bejn il-kumpaniji u l-pajjiżi.

xogħol, b'mod partikolari fir-rigward ta' kuntratti prekarji, forom atipiċi ta' xogħol u l-ekonomija informali. L-impjiegi ta' kwalità huma essenzjali għall-ġustizzja interġenerazzjonali.

Madankollu, fl-2024, il-faqar fost dawk li jaħdmu kien għadu jaffettwa lil kważi wieħed minn kull tnax-il ħaddiem, u b'mod sproporzjonat lill-ħaddiema b'livell baxx ta' hiliyet, part-time, ħaddiema temporanji u lill-ġenituri waħedhom.

Barra minn hekk, jibqa' essenzjali li tiġi indirizzata s-sottovalwazzjoni tal-impjiegi li jsiru b'mod predominanti min-nisa u li tiżdied it-trasparenza fil-pagi biex titnaqqas id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri, permezz tal-implimentazzjoni f'waqtha tad-Direttiva dwar it-Trasparenza fil-Pagi.

**Biex jiġi żgurat li t-titjib fl-adeqwatezza tal-pagi jimxi id f'id mal-kompetittività, huwa essenzjali li tingħata spinta lill-produttività.** Madankollu, matul l-aħħar deċennju, ħafna pajjiżi tal-UE ffaċċjaw tkabbir dgħajjed u persistenti fil-produttività tax-xogħol, u dan jillimita l-potenzjal għal pagi oġhla, u l-kumpens reali medju tal-impjegati jiżdied biss b'madwar 0,5 % fis-sena. Meta wieħed iħares 'il quddiem, it-trasformazzjoni ekonomika, b'mod partikolari t-tranżizzjoni diġitali, tirrappreżenta opportunità biex tingħata spinta lill-innovazzjoni u lill-produttività, sabiex jingħata aktar spazju għat-tkabbir tal-pagi u għal standards ta' għajxien deċenti fost il-ġenerazzjonijiet.

**Negożjar kollettiv li jiffunzjona tajjeb jiżgura li l-ħaddiema kollha jibbenefikaw minn pagi adegwati** u jista' jħeġġeġ l-adozzjoni ta' skema supplimentari ta' pensjoni. Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa l-adeqwatezza tal-pagi u d-djalogu soċjali fl-UE kollha. Dan jinkludi l-monitoraġġ tat-traspożizzjoni korretta tad-Direttiva, inkluż ir-rekwiżit tagħha li l-Istati Membri b'kopertura ta' anqas minn 80 % jistabbilixxu qafas abilitanti għan-negożjar kollettiv u pjan ta' azzjoni biex issaħħuh.

*Indirizzar tal-isfruttament tal-ħaddiema*

Kif enfasizzat fir-rapport Letta, l-UE għandha tindirizza dawk il-prattiki ta' **sottokuntrattar** jew ta' intermedjazzjoni tax-xogħol li jistgħu **jwasslu għall-isfruttament u għall-abbuż tal-ħaddiema** <sup>(20)</sup>. Is-sottokuntrattar huwa mudell kummerċjali leġittimu. Permezz tas-sottokuntrattar, il-kumpaniji għandhom aċċess għal għarfien espert speċjalizzat u jistgħu jadattaw malajr biex jissodisfaw il-ħtiġijiet kummerċjali li qegħdin jinbidlu u jibqgħu kompetittivi. Madankollu, minkejja l-qafas protettiv sod tal-UE, xi ħaddiema għandhom jiffaċċjaw abbuż. Setturi bħall-kostruzzjoni, it-trasport, l-agrikoltura u s-servizzi domestiċi huma aktar esposti.

<sup>(20)</sup> Letta E., [Much more than a market report](#), 2024.

**Sforzi aħjar u aktar ikkoordinati jibqgħu essenzjali.** It-tiżiħ tal-isforzi ta' infurzar tal-leġiżlazzjoni rilevanti, it-tiżiħ tat-trasparenza fis-sistemi nazzjonali (sistema ta' qabel il-kwalifika, reġistri nazzjonali jew sistema ta' ċertifikazzjoni) mingħajr ma jiġi impost piż addizzjonali mhux meħtieġ u l-valutazzjoni tas-sistemi għar-responsabbiltà tal-impjegaturi għan-nuqqas ta' konformità mad-drittijiet tal-ħaddiema, huma meħtieġa biex jindirizzaw l-abbużi b'mod effettiv. Barra minn hekk, l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA, European Labour Authority), tista' tappoġġa ulterjorment l-iskambji ta' Prattiki, studji u azzjoni ta' infurzar nazzjonali.

**L-affidabbiltà tas-sottokuntratturi tista' tiġi vverifikata fil-kuntest tal-akkwist pubbliku.** Id-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku tal-2014 fihom dispożizzjonijiet għall-prevenzjoni jew għall-mitigazzjoni ta' impatti soċjali negattivi matul l-eżekuzzjoni tal-kuntratt. Il-Kummissjoni ħabbret rieżami tad-direttivi fl-2026 u, bi tnejn, ippubblikat evalwazzjoni f'Ottubru 2025. Dan se jkoll fost elementi oħra l-kwistjoni tas-sottokuntrattar, inklużi r-responsabbiltajiet u l-kwalifiki tal-kuntratturi, u t-trasparenza fil-ktajjen tal-provvista. **Hemm ukoll il-ħtieġa li jittejbu l-identifikazzjoni u l-prevenzjoni tal-isfruttament tal-ħaddiema** b'mod partikolari fir-rigward ta' ħaddiema mhux tal-UE, inkluż it-traffikar tal-bnedmin. Id-Direttivi dwar is-Sanzjonijiet tal-Impjegaturi u dwar il-ħaddiema Staġunali introduċew regoli ċari dwar ir-responsabbiltà u s-sanzjonijiet, inkluż kif jiżied l-infurzar u jiġu protetti aħjar id-drittijiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jistgħu jkunu esposti b'mod partikolari għal kundizzjonijiet tax-xogħol abbużivi spiss minħabba l-istatus illegali tagħhom, b'mod partikolari f'setturi bħall-kostruzzjoni, it-trasport, is-servizzi domestiċi u l-agrikoltura.

**Ir-reviżjoni li jmiss tal-mandat tal-ELA** tista' tgħin billi jiġu indirizzati ulterjorment l-isfidi relatati mal-abbużi tal-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. L-ELA u l-ispettorati nazzjonali jistgħu wkoll isaħħu l-isforzi kontra x-xogħol mhux iddikjarat, u b'hekk jagħtu spinta lill-kollaborazzjoni mal-infurzar tal-liġi.

*Trawwim ta' mobbiltà ġusta*

**Diversi setturi mobbli ħafna jiffaċċjaw sfidi partikolari.** Dan huwa pereżempju rilevanti għall-ħaddiema tat-trasport. L-implimentazzjoni tal-Pakkett I tal-UE dwar il-mobbiltà tat-trasport bit-triq se tiżgura kemm il-protezzjoni soċjali tas-sewwieqa kif ukoll il-libertà tal-operaturi li jipprovdu servizzi tat-trasport transfruntieri. Ir-rapport tal-Kummissjoni dwar faċilitajiet ta' mistrieħ xierqa u żoni ta' parkeġġ sikuri u siguri għas-sewwieqa jħares lejn kif tiżied id-disponibbiltà tagħhom <sup>(21)</sup>. Il-Kummissjoni qiegħda tfittex modi kif timmodernizza r-regoli relatati mal-kwalifika u t-taħriġ tas-sewwieqa tal-karozzi tal-linja u tat-trakkijiet bil-għan li tagħmel it-taħriġ aktar rilevanti u aktar attraenti.

Ir-rieżami tar-Regolament dwar is-Servizzi tal-Ajru se jiffoka fuq il-funzjonament tajjeb tas-suq intern għas-servizzi tal-avjazzjoni, filwaqt li jindirizza l-isfidi fl-infurzar tal-liġijiet tax-xogħol għall-ekwipaġġi tal-ajru mobbli.

---

(21) [EUR-Lex - 52025DC0703 - MT - EUR-Lex \(europa.eu\)](#)

Fis-setturi kulturali u kreattivi, l-artisti u professjonisti oħra mobbli ħafna marbuta ma' dawk l-attivitajiet spiss jiffaċċjaw kundizzjonijiet tax-xogħol u soċjali prekarji. Il-Kummissjoni ppubblikat Boxxla Kulturali għall-Ewropa <sup>(22)</sup> li ħabbret Karta dwar l-Artisti tal-UE futura biex tistabilixxi prinċipji fundamentali, gwida u impenji għal kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti fis-settur.

Biex issaħħaħ l-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż) u trawwem iċ-ċirkolazzjoni tal-għarfien u tat-talent, il-Kummissjoni se tippreżenta Att dwar iż-Żona Ewropea tar-Riċerka, biex tikkonsolida l-ħames libertà tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni, ittejjeb il-karrieri tar-riċerkaturi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, u tagħti spinta lill-UE bħala ambjent attraenti.

**Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tippubblika pakkett dwar il-Mobbiltà Ġusta tal-Forza tax-Xogħol fl-2026.** Il-pakkett se jimmodernizza u se jissimplifika r-regoli u l-proċeduri tal-UE dwar il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali, billi jagħmel użu mill-potenzjal tad-diġitalizzazzjoni, inkluż biex jagħmilha aktar faċli li jiġu pprovduti temporanjament servizzi transfruntiera, filwaqt li jiproteġi d-drittijiet tal-ħaddiema. Dan se jsaħħaħ l-ELA u se jiddiġitalizza l-proċeduri fl-ambitu tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali mal-Pass Ewropew tas-Sigurtà Soċjali. Il-Kummissjoni se tesplora wkoll il-modi kif tiffaċilita u tħaffef ir-rikonoxximent tal-kwalifiki għaċ-ċittadini tal-UE u għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi biex tiżdied l-attraenza tal-UE għat-talent globali.

Fil-kuntest tal-mobbiltà tal-forza tax-xogħol intra-UE, l-isfidi tal-infurzar jirriżultaw mill-istazzjonar dejjem akbar taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u mill-forniment transfruntier ta' servizzi minn aġenziji tax-xogħol temporanji u intermedjarji tar-reklutaġġ, inkluż fil-ktajjen twal u kumplessi tas-sottokuntrattar. Barra minn hekk, bħala segwitu għar-rapport tal-2024 dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema <sup>(23)</sup>, l-ELA u l-Kummissjoni qegħdin iħarsu lejn dawn l-isfidi biex itejbu l-kooperazzjoni transfruntiera u jappoġġaw il-miżuri nazzjonali.

*Żgurar tal-ġustizzja u tal-flessibbiltà għal dawk li jaħdmu għal rashom*

**L-impjegi ta' kwalità fost dawk li jaħdmu għal rashom huma vitali għal tkabbir ekonomiku inklużiv.** Il-ħaddiema li jaħdmu għal rashom u l-ħaddiema mhux standard għandu jkollhom aċċess għal benefiċċji soċjali, informazzjoni, taħriġ u kura tas-saħħa adegwati f'kundizzjonijiet komparabbli għall-impjegati. Dan jista' jinkiseb billi tiġi implimentata kif xieraq il-gwida pprovduta lill-Istati Membri mir-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-2019 u l-2003 dwar il-protezzjoni soċjali u dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol għal dawk li jaħdmu għal rashom. Barra minn hekk, kif irrakkomandat mill-Kummissjoni <sup>(24)</sup>, il-ħaddiema li jaħdmu għal rashom u l-ħaddiema mhux standard għandhom jingħataw opportunitajiet u benefiċċji ekwivalenti bħal dawk għall-impjegati li jagħżlu li jkunu parti minn skemi ta' pensjoni supplimentari fil-kuntest tal-awtoreġistrazzjoni.

<sup>(22)</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, il-[Culture Compass for Europe](#).

<sup>(23)</sup> [Id-Direttiva \(UE\) 2018/957](#) tat-28 ta' Ġunju 2018 li temenda d-Direttiva 96/71/KE dwar l-istazzjonar ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi

<sup>(24)</sup> [https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=PI\\_COM:C\(2025\)9300](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=PI_COM:C(2025)9300)

**In-negozjar kollettiv għall-ħaddiema li jaħdmu għal rashom jista' jgħin biex jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u s-sigurtà ekonomika tagħhom.** Il-Linji Gwida dwar l-applikazzjoni tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-UE għal ftehimiet kollettivi dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom, adottati fl-2022, jiċċaraw il-kundizzjonijiet li fihom jistgħu jinvolvu ruħhom f'negozjar kollettiv mingħajr ma jiksru r-regoli tal-antitrust tal-UE.

## **5. FATTURI ABILITANTI: LI JINŻAMMU U JIĠU PROMOSSI IMPJIEGI TA' KWALITÀ**

Billi trawwem suq tax-xogħol kompetittiv li jsostni d-drittijiet tax-xogħol u jippromwovi d-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv, l-UE tista' tattira u żżomm it-talent, tisfrutta opportunitajiet ġodda u tiżgura li l-ħaddiema u l-kumpaniji jibbenefikaw bis-sħiħ mis-suq uniku. Finanzjament adegwat u servizzi pubbliċi ta' kwalità huma essenzjali wkoll biex jinħolqu u jiġu sostnuti impjiegi ta' kwalità.

*Infurzar effettiv tal-leġiżlazzjoni tal-UE*

**Il-ħarsien tad-drittijiet tal-ħaddiema huwa element ċentrali ta' swieq tax-xogħol ġusti u kompetittivi u parti mill-acquis tal-UE.** L-infurzar għadu mhux uniformi fl-Istati Membri kollha. It-titjib tal-infurzar tad-drittijiet tal-ħaddiema jirrikjedi l-monitoraġġ tat-traspożizzjoni korretta, l-indirizzar tal-ilmenti b'mod effettiv u ż-żamma ta' djalogu kontinwu mal-awtoritajiet nazzjonali u mas-sħab soċjali.

**Hemm bżonn ta' inizjattivi biex jiġi żgurat li d-drittijiet soċjali tal-UE jkunu realtà fil-prattika.** L-iżvilupp ta' għodod u gwida dwar id-drittijiet tax-xogħol tal-UE jista' jsaħħaħ l-infurzar, iżid is-sensibilizzazzjoni u jibni l-kapaċità amministrattiva biex il-Kummissjoni taħdem mill-qrib mal-aġenziji tal-UE, inklużi l-ELA u l-EU-OSHA biex tiżviluppahom, filwaqt li tibni fuq eżempji tajbin, bħall-għodod tal-Valutazzjoni tar-Riskju Interattiva Online tal-EU-OSHA. L-ispezzjonijiet tax-xogħol jgħinu biex jiġu skoraġġuti prattiki illegali, u se jiġu esplorati teknoloġiji ġodda bħall-IA biex dawn isiru aktar immirati u effettivi.

Huwa kruċjali wkoll li tiġi mmonitorjata l-kwalità tal-impjiegi fl-UE kollha. It-traċċar tal-progress huwa sforz konġunt bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u s-sħab soċjali tal-UE. L-għodod u d-data pprovduti mill-Aġenziji tal-UE joffru għarfien siewi. B'mod parallel, permezz tal-Qafas Konġunt ta' Valutazzjoni tal-EMCO u s-Semestru Ewropew, il-monitoraġġ tax-xejriet, inkluż permezz ta' data demografika u territorjali robusta, se jiggwida t-tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza.

*Impenn tal-UE għad-djalogu soċjali, is-saħħa kollettiva tagħna u l-vantaġġ kompetittiv*

**Id-djalogu soċjali, inkluż in-negozjar kollettiv, huwa essenzjali għall-kwalità tal-impjiegi.** Dawn jiżguraw li l-politiki dwar il-post tax-xogħol ikunu jistgħu jadattaw għar-realtajiet ekonomiċi, teknoloġiċi u soċjali li qegħdin jevolvu u jgħinu biex il-kumpaniji Ewropej jinżammu kompetittivi.

**F'ħafna Stati Membri, id-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv jinsabu taħt pressjoni.** Il-kopertura tan-negozjar kollettiv naqset fi 19 minn 27 Stat Membru, u niżlet minn

madwar 77 % fl-2005 għal 66 % fl-2024 <sup>(25)</sup>. Filwaqt li 80 % tal-impjegati tal-UE għandhom aċċess għal xi forma ta' rappreżentazzjoni kollettiva biex jesprimu l-fehmiet tagħhom, ħafna minnhom ma għandhomx mezzi formali ta' parteċipazzjoni. Għad hemm diskrepanzi settorjali sinifikanti, b'56 % tal-ħaddiema agrikoli li ma għandhomx rappreżentanza, meta mqabbla ma' 11 % jew anqas fl-amministrazzjoni pubblika, fl-edukazzjoni u fis-servizzi finanzjarji <sup>(26)</sup>. Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa d-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv permezz tal-leġiżlazzjoni, il-politika, il-mezzi amministrattivi u finanzjarji tal-UE. Hija qiegħda tappoġġa lill-EMCO fil-ħidma tiegħu biex itejjeb il-ġbir tad-data dwar id-djalogu soċjali u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattika biex ihegġegħ l-apprendiment reċiproku, filwaqt li qed jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2023 dwar it-Tisħiħ tad-Djalogu Soċjali fl-Unjoni Ewropea. In-negozjar kollettiv, meta promoss permezz ta' kondizzjonalitajiet soċjali fil-finanzjament pubbliku, jippermetti lill-ħaddiema jibbenefikaw mill-appoġġ ipprovdut lill-industrija.

### **Il-garanzija tal-awtonomija u tal-libertà kuntrattwali tas-sħab soċjali hija essenzjali.**

Il-mezzi finanzjarji tal-UE se jibqgħu disponibbli għas-sħab soċjali tal-pajjiżi Ewropej, nazzjonali u kandidati biex isaħħu l-kapaċità tagħhom għal involviment u ftehimiet sinifikanti, b'mod partikolari permezz tal-baġit tal-UE.

*Mill-politika għall-prattika: Fondi tal-UE għall-kwalità tal-impjiegi*

**Il-finanzjament tal-UE naqdi rwol kruċjali fit-traduzzjoni tal-politiki f'riżultati tanġibbli.** B'baġit ta' EUR 141,3 biljun għall-2021-2027, il-FSE+ huwa l-istrument ta' finanzjament ewlieni tal-UE għall-investiment fin-nies. It-Tieqa għall-Investment Soċjali u l-Ħiliet tal-programm InvestEU tappoġġa l-investimenti soċjali b'mod partikolari fil-mikrointrapriżi, fl-edukazzjoni u fl-infrastruttura soċjali permezz ta' garanziji baġitarji. NextGenerationEU jappoġġa l-investimenti diretti fil-ħiliet, flimkien ma' riformi strutturali tas-suq tax-xogħol li jtejbu l-aċċess għal impjiegi ta' kwalità, u l-Istati Membri jallokaw EUR 40,6 biljun għal dawn l-isforzi. Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Mekkaniżmu ta' Spinta tat-Talent jappoġġaw lill-ħaddiema vulnerabbli f'żoni żvantaġġati, id-diġitalizzazzjoni u tranżizzjoni ġusta permezz tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta.

**Il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali proposti fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss huma mfassla biex imexxu investiment sinifikanti li jappoġġa l-impjiegi ta' kwalità, pereżempju liżvilupp tal-ħiliet, il-protezzjoni tas-saħħa u l-faċilitaturi diġitali.** Il-Kummissjoni tipproponi li, bħala minimu, 14 % tal-fondi ta' kwalunkwe Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali (esklużi l-ammonti delimitati għall-agrikoltura u l-Fond Soċjali għall-Klima) jiġu maħsuba apposta għall-oġettivi soċjali, bil-għan li jinżamm livell għoli ta' ambizzjoni fil-finanzjament tat-tip ta' azzjonijiet tal-FSE. Barra minn hekk, il-Fond Ewropew għall-Kompetittività se jappoġġa l-investiment fl-iżvilupp tal-ħiliet b'mod partikolari f'setturi strateġiċi.

<sup>(25)</sup> Bażi tad-data ICTWSS tal-OECD/AIAS, [Policy brief, statistical annex \(Settembru 2025\)](#)

<sup>(26)</sup> Eurofound, [Self-employment in the EU: Job quality and developments in social protection](#), 30 ta' Jannar 2024.

**L-istrumenti speċifiċi għas-settur huma wkoll faċilitaturi ta' impjiegi ta' kwalità.** L-agrikoltura u s-sajd jiffaċċjaw sfidi tal-forza tax-xogħol biex pereżempju jattiraw il-bdiewa żgħażaġh u sajjieda, jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u jindirizzaw id-differenzi bejn il-ġeneri. Il-Kummissjoni adottat Viżjoni għall-Agricoltura u l-Ikel u pproponiet PAK aktar sempliċi u mmirata wara l-2027 b'miżuri li jinkludu kundizzjonalità soċjali biex tappoġġa kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin u appoġġ għas-servizzi ta' għajjnuna għall-farms. Il-Viżjoni għall-2040 tal-Patt għall-Oċeani għas-Sajd u l-Akkwakultura u l-Istrateġija ta' Tiġdid Ġenerazzjonali Blu jippromwovu ekonomija blu b'saħħitha u jappoġġaw il-benesseri tan-nies li jgħixu f'żoni kostali.

*Servizzi ta' kwalità għar-reġjuni kollha u bejniethom*

**Is-servizzi ta' kwalità huma faċilitatur ewlieni għat-tranżizzjonijiet fis-suq tax-xogħol u tal-impjiegi.** Billi jipprovdu edukazzjoni u kura bikrija aċċessibbli għat-tfal, kura fit-tul u kura tas-saħħa, dawn is-servizzi jagħtu s-setgħa lil miljuni ta' ħaddiema – speċjalment lin-nisa – biex jinvolvu ruħhom f'xogħol bi hłas u avvanz fil-karriera. Sistemi tal-kura tas-saħħa robusti b'forza tax-xogħol tal-kura s-saħħa b'persunal rilevanti jaqdu rwol kritiku fl-iżgurar tas-saħħa u tal-benesseri tal-komunitajiet.

Is-settur tas-saħħa u tal-kura jippermetti lil miljuni ta' persuni, ġenituri, indoktraturi u ħaddiema fl-industrija kollha jipparteċipaw bis-sħiħ fis-suq tax-xogħol. Il-Kummissjoni qiegħda taħdem lejn qafas aktar koerenti biex tindirizza l-isfidi tal-forza tax-xogħol fil-kura fit-tul u għandha l-għan li tippreżenta Patt Ewropew tal-Kura fl-2027. Barra minn hekk, permezz tal-UE għas-Saħħa, l-UE ssaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa billi tappoġġa l-ippjanar tal-forza tax-xogħol, iż-żamma tal-infermiera, it-trasformazzjoni diġitali.

**Ir-reġjuni u l-komunitajiet lokali huma ċentrali għall-impjiegi ta' kwalità.** Mis-26-27 miljun persuna li jaħdmu fis-settur pubbliku, madwar 17-19-il miljun huma impjegati fil-livell lokali u reġjonali <sup>(27)</sup>. Dawn ir-rwoli jkopru l-amministrazzjoni, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, is-servizzi pubbliċi, il-kura tas-saħħa, il-kura soċjali, it-trasport u s-servizzi ta' emerġenza. Il-promozzjoni tal-impjiegi ta' kwalità f'dawn iż-żoni tappoġġa l-attrazzjoni u l-iżvilupp reġjonali.

## 6. PASSI LI JMISS

**L-impjiegi ta' kwalità jibnu fuq diversi azzjonijiet ta' politika.** Dawn huma element importanti ħafna tal-Mudell Soċjali Ewropew u tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u huma essenzjali biex jiġi attirat u jinżamm it-talent fl-Ewropa. Kif imħabbar mill-President von der Leyen fid-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni f'Settembru 2025, **il-Kummissjoni se tippromovi Att dwar l-Impjiegi ta' Kwalità** biex jikkomplementa l-azzjonijiet fil-Pjan Direzzjonali u jsaħħaħ l-impatt tagħhom.

F'konformità mal-Artikolu 154(2) tat-TFUE, il-Kummissjoni qiegħda tnedi l-**konsultazzjoni tal-ewwel stadju tas-sħab soċjali Ewropej** biex tikseb il-fehmiet

---

<sup>(27)</sup> OECD, [Subnational Public Employment in OECD and EU Countries \(Novembru 2024\)](#).

tagħhom dwar id-direzzjoni possibbli tal-azzjoni tal-UE biex tkompli ttejjeb l-impjiegi ta' kwalità. Din se tikkomplementa l-konsultazzjoni f'żewġ stadji dwar id-dritt għall-iskonnessjoni u t-telexogħol, iffinalizzata f'Ottubru 2025. L-Att dwar l-Impjiegi ta' Kwalità jista' jkun akkumpanjat minn inizjattivi mhux leġiżlattivi u se jqis id-diversità tas-sistemi nazzjonali. Dan se jippermetti biżżejjed spazju għall-implimentazzjoni tas-sħab soċjali u se jħares l-awtonomija u l-libertà kuntrattwali tagħhom, filwaqt li jimminimizza l-piż amministrattiv fuq il-kumpaniji fi sforz ta' konsolidazzjoni u simplifikazzjoni.

L-Att dwar l-Impjiegi ta' Kwalità, flimkien mal-bqija tal-acquis soċjali tal-UE, se jiżgura li d-dinja tax-xogħol iżżomm il-pass mal-ekonomija moderna. It-tkabbir tal-ekonomija tal-UE jirrikjedi suq tax-xogħol modern li jiżgura fl-istess ħin it-talent, il-mobbiltà, il-pedamenti flessibbli iżda robusti tal-ħiliet u ambjent affidabbli fejn il-ħaddiema jħossuhom protetti u jilhqqu l-aħjar potenzjal possibbli tagħhom, u b'hekk jikkontribwixxi għar-reżiljenza u l-kompetittività tal-UE.